# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/354

**tal-2 ta' Marzu 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna u l-forzi armati Russi bdew attakk kontra l-Ukrajna. Dak l-attakk huwa ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

(4) Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna fl-aktar termini qawwija possibbli l-invażjoni mhux provokata tal-Ukrajna mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u l-involviment tal-Belarussja f'din l-aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-Rappreżentant Għoli indika li r-rispons tal-Unjoni ser jinkludi miżuri restrittivi kemm settorjali kif ukoll individwali.

(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Bl-azzjonijiet militari illegali tagħha, ir-Russja qed tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-NU, u qed iddgħajjef is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa wkoll l-involviment tal-Belarussja f'din l-aggressjoni kontra l-Ukrajna u appellalha biex toqgħod lura minn tali azzjoni u biex tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha.

(6) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni u tal-fatt li l-Belarussja qed tipparteċipa f'invażjoni mhux provokata Russa kontra l-Ukrajna billi tippermetti aggressjoni militari mit-territorju tagħha, il-Kunsill iqis li 22 persuna jenħtieġ li jinżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(7) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-2 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-Y. LE DRIAN

*ANNESS*

Il-persuni li ġejjin jinżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "697. | Leonid Viktorovich KASINSKY<br>(Russu: Леонид Викторович КАСИНСКИЙ;<br>Belarussu: Леанід Віктаравіч КАСІНСКІ) | Data tat-twelid: 29.6.1972<br>Post tat-twelid: Grodno, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja<br>Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Assistent tal-Ministru għad-Difiża għax-Xogħol Ideoloġiku fil-Forzi Armati u Kap tad-Direttorat Ewlieni għax-Xogħol Ideoloġiku fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Leonid Kasinsky għandu l-pożizzjoni ta' assistent tal-Ministru għad-Difiża tal-Belarussja għall-ħidma ideoloġika fil-forzi armati. Huwa wkoll kap tad-Direttorat Ewlieni għall-ħidma ideoloġika fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Leonid Kasinsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 698. | Igor Vladimirovich MOZHILOVSKY<br>(Russu: Игорь Владимирович МОЖИЛОВСКИЙ;<br>Belarussu: Ігар Уладзіміравіч МАЖЫЛОЎСКІ) | Data tat-twelid: 28.2.1971<br>Post tat-twelid: Dubrovno, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja<br>Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Assistent tal-Ministru għad-Difiża għall-Ekonomija Militari u l-Finanzi u Kap tad-Direttorat Ewlieni għax-Xogħol Ideoloġiku fil-Ministeru għad-Difiża<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Igor Mozhilovsky għandu l-pożizzjoni ta' assistent tal-Ministru għad-Difiża tal-Belarussja għall-ekonomija militari u l-finanzi. Huwa wkoll kap tad-Dipartiment Ewlieni għall-Finanzi u l-Ekonomija fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Igor Mozhilovsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 699. | Oleg Leonidovich VOINOV<br>(Russu: Олег Леонидович ВОИНОВ;<br>Belarussu: Алег Леанідавіч ВОІНАЎ) | Data tat-twelid: 26.3.1967<br>Post tat-twelid: Dnepropetrovsk, SSR tal-Ukrajna, issa Dnipro, l-Ukrajna<br>Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tal-Ministeru Belarussu għad-Difiża u Assistent tal-Ministru għad-Difiża għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Oleg Vovinov għandu kariga ta' Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tal-Ministeru għad-Difiża u Assistent tal-Ministru għad-Difiża għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Oleg Voinov qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 700. | Sergei Anatolievich SAUTA<br>(Russu: Сергей Анатольевич САУТА;<br>Belarussu: Сяргей Анатольевіч САЎТА) | Funzjoni: Kurunell, Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Legali tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Sergei Sauta għandu l-pożizzjoni ta' Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Legali tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Sergei Sauta qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 701. | Ivan Josephovich BOGUSLAVSKY<br>(Russu: Иван Иосифович БОГУСЛАВСКИЙ;<br>Belarussu: Іван Іосіфавіч БАГУСЛАЎСКІ) | Data tat-twelid: 4.8.1968<br>Post tat-twelid: Kalivaria, SSR tal-Belarussja<br>Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Kap tal-Ispettorat Militari tal-Forzi Armati fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Ivan Boguslavsky għandu l-pożizzjoni ta' Kap tal-Ispettorat Militari Ewlieni tal-Forzi Armati fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Ivan Boguslavsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 702. | Dmitry Anatolievich MIHOLAP<br>(Russu: Дмитрий Анатольевич МИХОЛАП;<br>Belarussu: Дзмітрый Анатольевіч МІХАЛАП) | Data tat-twelid: 28.12.1974<br>Post tat-twelid: Bukino, SSR tal-Belarussja<br>Funzjoni: Kurunell, Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru Belorussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Dmitry Miholap għandu l-pożizzjoni ta' viċi kmandant tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi għad-Difiża tal-Ajru tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Dmitry Miholap qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 703. | Anatoliy Anatolievich BULAVKO<br>(Russu: Анатолий Анатольевич БУЛАВКО;<br>Belarussu: Анатоль Анатольевіч БУЛАЎКА) | Data tat-twelid: 1.5.1969<br>Post tat-twelid: Kalinkovichi, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja<br>Funzjoni: Kurunell, viċi kmandant għall-ħidma ideoloġika u kap tal-ħidma ideoloġika tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Anatoliy Bulavko għandu l-pożizzjoni ta' viċi kmandant għall-ħidma ideoloġika u kap tal-ħidma ideoloġika tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Anatoliy Bulavko qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 704. | Victor Vladimirovich SOYKO<br>(Russu: Виктор Владимирович СОЙКО;<br>Belarussu: Віктар Уладзіміравіч СОЙКА) | Data tat-twelid: 3.7. 1971<br>Post tat-twelid: Komsomolskaya, SSR tal-Belarussja<br>Funzjoni: Kurunell, Viċi Kmandant għall-Armamenti u Kap tal-Forza tal-Ajru Belarussa u d-Dipartiment tal-Armamenti tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Victor Soyko għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant għall-Armamenti u Kap tal-Forza tal-Ajru Belarussa u d-Dipartiment tal-Armamenti tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Victor Soyko qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 705. | Yuri Mikhailovich PEYGANOVICH (Russu: Юрий Михайлович ПЕЙГАНОВИЧ;<br>Belarussu: Юрый Міхайлавіч ПЕЙГАНОВІЧ) | Funzjoni: Kurunell, Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru għal-Loġistika u Kap tad-Dipartiment<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Yuri Peyganovich għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru għal-Loġistika u Kap tad-Dipartiment.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Yuri Peyganovich qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 706. | Alexander Ivanovich BAS<br>(Russu: Александр Иванович БАС;<br>Belarussu: Аляксандр Іванавіч БАС) | Data tat-twelid: 17.8.1971<br>Post tat-twelid: Khotomel, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja<br>Funzjoni: Kurunell, Viċi Kmandant tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Alexander Bas għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Alexander Bas qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 707. | Dmitry Leontievich BEKREN (Russu: Дмитрий Леонтьевич БЕКРЕНЬ) | Data tat-twelid: 16.7.1979<br>Post tat-twelid: Slonim, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja<br>Funzjoni: Viċi Kmandant tal-Armata għall-Ideoloġija, Kap tad-Dipartiment tal-Ideoloġija tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja, Kurunell<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Dmitry Leontievich Bekren għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tal-Armata għall-Ideoloġija, u Kap tad-Dipartiment tal-Ideoloġija tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Dmitry Leontievich Bekren qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 708. | Vitaly Fridrikhovich KILCHEVSKY (Russu: Виталий Фридрихович КИЛЬЧЕВСКИЙ) | Data tat-twelid: 31.10.1978<br>Post tat-twelid: Ir-raħal ta' Patashnya, SFSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja<br>Funzjoni: Viċi Kmandant għall-Armamenti u Kap tal-Armamenti, Kurunell<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Vitaly Fridrikhovich Kilchevsky għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant għall-Armamenti u Kap tal-Armamenti tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Vitaly Fridrikhovich Kilchevsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 709. | Sergey Nikolayevich GRINYUK (Russu: Сергей Николаевич ГРИНЮК) | Data tat-twelid: 11.5.1971<br>Post tat-Twelid: fi Brest, SSR tal-Belarussja, issa l-Federazzjoni Russa<br>Funzjoni: Viċi Kmandant tat-Truppi għal-Loġistika, Kap tad-Dipartiment tal-Loġistika, Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja, Kurunell<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Sergey Nikolayevich Grinyuk għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tat-Truppi għal-Loġistika, u ta' Kap tad-Dipartiment tal-Loġistika, Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Sergey Nikolayevich Grinyuk qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 710. | Aleksandr Viktorovich NAUMENKO<br>(Russu: Александр Викторович НАУМЕНКО) | Funzjoni: Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operazzjonali tal-Majjistral tal-Belarussja, Maġġur Ġeneral<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Aleksandr Viktorovich Naumenko għandu l-pożizzjoni ta' Kmandant tat-Troops tal-Kmand Operazzjonali tal-Majjistral tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Aleksandr Viktorovich Naumenko qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 711. | Vadim Evgenievich SHADURA<br>(Russu: Вадим Евгеньевич ШАДУРА) | Funzjoni: Kap tal-Persunal - l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja, Kurunell<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Vadim Evgenievich Shadura għandu l-pożizzjoni ta' Kap tal-Persunal - l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Vadim Evgenievich Shadura qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 712. | Vladimir Vladimirovich KULAZHIN<br>(Russu: Владимир Владимирович КУЛАЖИН) | Funzjoni: Viċi Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja, Maġġur Ġeneral<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Vladimir Vladimirovich Kulazhin għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Vladimir Vladimirovich Kulazhin qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 713. | Valery Ivanovich YANUSHKEVICH<br>(Russu: Валерий Иванович ЯНУШКЕВИЧ) | Funzjoni: Viċi Kmandant tat-Truppi għall-Ħidma Ideoloġika - Kap tad-Dipartiment tal-Ħidma Ideoloġika tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja, Kurunell<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Valery Ivanovich Yanushkevich għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tat-Truppi għall-Ħidma Ideoloġika - Kap tad-Dipartiment tal-Ħidma Ideoloġika tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Valery Ivanovich Yanushkevich qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 714. | Vyacheslav Aleksandrovich LENKEVICH<br>(Russu: Вячеслав Александрович ЛЕНКЕВИЧ) | Funzjoni: Viċi Kmandant Responsabbli mil-Loġistika, Kap tal-Loġistika tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja, Kurunell<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Vyacheslav Aleksandrovich Lenkevich għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant Responsabbli mil-Loġistika u ta' Kap tal-Loġistika tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Vyacheslav Aleksandrovich Lenkevich qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 715. | Dmitri Ivanovich SUROVICH<br>(Russu: Дмитрий Иванович СУРОВИЧ) | Funzjoni: Viċi Kmandant għall-Armamenti, Kap tad-Direttorat tal-Armamenti tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja, Kurunell<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Dmitri Ivanovich Surovich għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant għall-Armamenti, u tal-Kap tad-Direttorat tal-Armamenti tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Dmitri Ivanovich Surovich qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 716. | Oleg Nikolayevich KOPYL<br>(Russu: Олег Николаевич КОПЫЛ) | Sess: raġel<br>Funzjoni: Kurunell; l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni - Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Morali u Psikoloġiku tad-Dipartiment Ewlieni tal-Ħidma Ideoloġika tal-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja | Oleg Kopyl huwa l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni - Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Morali u Psikoloġiku tad-Dipartiment Ewlieni tal-Ħidma Ideoloġika tal-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Oleg Kopyl qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 717. | Dmitry Alexandrovich ZABROTSKY<br>(Russu: Дмитрий Александрович ЗАБРОЦКИ) | Data tat-twelid: 2.7.1971<br>Funzjoni: Kurunell, l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Finanzjarju u Ekonomiku Ewlieni tal-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja<br>Sess: raġel | Dmitry Zabrotsky huwa l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Finanzjarju u Ekonomiku Ewlieni tal-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Dmitry Zabrotsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 718. | Vadim Anatolyevich LUKASHEVICH<br>(Russu: Вадим Анатольевич ЛУКАШЕВИЧ) | Funzjoni: Kap tad-dipartiment tal-informazzjoni tad-dipartiment ewlieni tal-ħidma ideoloġika tal-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja, Kurunell<br>Sess: raġel | Vadim Lukashevich huwa l-kap tad-dipartiment tal-informazzjoni tad-dipartiment ewlieni tal-ħidma ideoloġika tal-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Vadim Lukashevich qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022” |